**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru. 479**

KAZ NRU. 672

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Maria Brincat

u

Galaxy Holiday Resorts Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 12 ta' Frar, 1993

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

## Preliminari

Illi l-kaz in kwistjoni jirrigwardja tkeccija allegatament ingusta da parti tas-socjeta' appellata lill-appellanti Maria Brincat.

Ghal dan il-ghan, inzammu seba' (7) seduti fejn l-appellanti kienet abbilment assistita mill-avukat Dr. Joseph Zammit McKeon u l-avukat Dr. Gavin Gulia assista abbilment ukoll lis-socjeta' intimata.

Xehdu l-appellanti, Therese Warr u Martin Farrugia. Gew esebiti ukoll l-Collective Agreement mal-G.W.U. u presentati noti estensivi u elucidanti ta' sottomissjonijiet, kif ukoll ghamlu t-trattazzjoni taghhom.

## FATTI TAL-KAZ

L-appellanti tikkontendi illi meta dahlet tahdem mas-Socjeta' intimata, hija bdiet tahdem b'roster ta' Sunday in u Sunday

.../2

out, u ghalhekk kellha tibqa' tahdem hekk sakemm tibqa' fl-istess impjieg. Il-fatt li l-principal taghha bidel u altera ir-roster, dana kellu japplika ghal kullhadd fil-Galaxy eccetto pero' ghaliha biss.

Illi da parti taghha, is-socjeta' intimata irragunat illi minhabba esigenzi tax-xoghol l-istess roster kellu jinbidel fis-sens li l-istess impjegati; inkluza l-appellanti kellhom jandmu '2 Sundays in u One out'. L-alterazzjoni fil-Hdud kellu japplika minghajr distinzjoni, inkluza l-appellanti; L-appellanti ma qaghditx ghall-ordnijiet, u s-socjeta' itterminatilha l-impjieg.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-kwistjoni kollha hija imperrnjata fuq punt wiehed u cioe' l-ezistenza ommenou l-interpretazzjoni ta' l-istess kondizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol ezistenti bejn il-kontendenti.

Illi l-appellanti tallega li meta ftehmet ma' Mrs. Warr in rappresentanza tal-principal dina nfurmata li r-roster kien 'Sunday in u Sunday out' li l-istess appellanti haditha 'for granted' illi r-roster taghha hekk kien, u hekk kien ser jibqa'. Pero' jigu relevati f'dan l-istadju zewg punti:-

1. Minn dan kollu, ma hemm xejn indikat fil-'contract of service' tal-appellanti.

2. It-tassattivita' allegata mill-appellanti hija ghal kollox michuda u negata mill-istess Therese Warr meta dina xehdet bil-gurament taghha quddiem it-Tribunal. Di fatti l-istess Warr ma tghatha l-ebda garanzija li ma jinbidilx. Kull ma qaltilha kien li dakinhar ta' l-impjieg, ir-roster applikabbli u vigenti kien - 'Sunday in u Sunday out'.

.../3

Li gara huwa li l-appellanti bdiet u kompliet b'dik l-impressjoni - di fatti accettatu anke minhabba li hija mara mizzewga u bit-tfal u ghalhekk kien hemm cirkostanzi familjari li ma ippermettewliex li taccetta l-kambjament kif xehdet hija stess.

Illi s-Socjeta' appellata ab'initio nnegat l-impjieg privileggjat allegat mill-appellanti. Jekk wiehed jezamina l-pataffjum ta' korrispondenza skambjati bejn il-partijiet qabel ma waslu f'dan l-istadju, il-pozizzjoni taghhom kienet opposta bl-aktar mod dijametriku. Li kieku l-appellanti kellha ragun, kieku s-socjeta' appellata kienet tirrinunzja ghal wiehed mill-aktar privileggi u drittijiet li huma ghal qalb socjetajiet simili u cioe' dak, redatt fl-Artikolu 15 tal-Collective Agreement - u cioe' li ibiddel ix-xift ossija roster tax-xoghol ta' l-impjegati tieghu. It-Tribunal ma jistax jimmagina principal li jorbot idejh daqshekk, fis-sens li jaghmel eccezzjoni ghal impjegata wahda biss!

Illi in oltre, aktar u aktar in vista ta' l-oppozizzjoni sa millorigini tal-pendenza odjerna it-Tribunal jirrileva li stava ghall-appellanti li tipprova l-ezistenza ta' l-allegata addenda tar-roster fil-'contract of service': Onus probandi incumbit ei qui dicit e non ei qui negat.

Illi, fis-sens oppost, is-socjeta' appellata mnexxielha tipprova li t-tkeccija ta' l-appellanti kienet gusta. Anke jekk, jerga' jinghad, illi huwa dovut ukoll ghal fatt ta' nuqqas ta' l-appellanti li tipprova il-parti taghha. L-appellanti ma' obdietx f' dan il-kuntest l-ordnijiet legittimi tal-principal taghha, innegat ir-roster il-gdid u naqset li tattendi ghax-xoghol minghajr permess tal-principal. Wara diversi "warnings", il-principal ma' kienx baqghalu triq ohra hlief li jittermina l-impjieg ta' l-appellanti permezz ta' tkeccija. Lanqas f'dan l-istadju jinghad ma gie allegat "constructive dismissal".

KONKLUZZJONI

Illi hija l-fehma tat-Tribunal li l-appellanti Maria Brincat sfat imkeccija mix-xoghol taghha mas-Socjeta' appellanti ghal raguni gusta u fl-istess hin ghalhekk tichad it-talbiet taghha. B'hekk, din il-kwistjoni tax-xoghol issa giet terminata.

Ghar-rigward ta' remunerazzjoni ghas-servizzi rezi mill-abili konsulenti legali tal-partijiet, it-Tribunal jordna li ghandhom jithallsu l-massimu ghat-termini tar-regolamenti ta' 1986 dwar id-drittijiet li jithallsu.

Dr. Joseph Bonnici LL.D.
CHAIRMAN

Is-sur Aldo Pestone
SEGRETARJU

SEGRETARJU
TRIBUNAL INDUSTRIJALI

mrg